



Brussell, 20 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

9175/22

ESPACE 55

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                                                                                                            |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                                                                                                                                                 |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                              |
| Suġġett: | <i>Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2022</i><br>Reżiljenza u kompetittività tal-Programm Spazjali tal-Unjoni<br><i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' sfond bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni ġenerali tal-Kunsill Kompetittività – Spazju fl-10 ta' Ġunju 2022.

**KUNSILL KOMPETITTIVITÀ – SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU –  
10 ta' Mejju 2022  
Parti SPAZJU**

**Dibattitu ta' orientazzjoni**

**Ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-Programm Spazjali tal-UE**

**Kuntest**

1. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta abbozz ta' Konklużjonijiet dwar il-programm Copernicus f'Orizzont 2035, abbażi ta' tliet pilastri: il-Patt Ekoloġiku, it-tranżizzjoni diġitali u s-sigurtà biex jikkontribwixxu għal Ewropa aktar reżiljenti. Dawn il-Konklużjonijiet jipproponu rakkomandazzjonijiet u orjentazzjonijiet għall-futur tal-programm Copernicus, filwaqt li jenfasizzaw b'mod partikolari l-kontribut tal-programm għall-isfidi klimatiċi, l-inklużjoni ta' atturi ġodda fl-ekonomija spazjali biex jikkomplementaw u jagħmlu l-arkitettura spazjali aktar reżiljenti u l-kontribut tal-programm għall-isfidi tas-sigurtà tal-Unjoni.
2. Il-Kunsill huwa mistieden ukoll jadotta abbozz ta' Konklużjonijiet dwar approċċ tal-Unjoni għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali, ikkonsolidat madwar tliet pilastri: it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni ta' sorveljanza u insewiment fl-ispazju; il-koordinazzjoni regolatorja u ta' standardizzazzjoni; u t-tisħiħ tal-vuċi tal-UE fix-xena internazzjonali sabiex jiġi promoss dan l-approċċ komuni.

3. Fi Frar 2021, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar pjan ta' azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju, li tagħmel referenza għal żewġ proġetti ewlenin ġodda tal-Kummissjoni fil-qasam tal-immaniġġjar tat-traffiku fl-ispazju u l-konnettività sigura. B'mod partikolari, waqt is-summit tal-Kapijiet ta' Stat f'Versailles f'Marzu 2022, ġiet imtennija l-ħtieġa li jsir aktar investiment f'kapaċitajiet ta' appoġġ strateġiku bħaċ-ċibersigurtà u l-konnettività spazjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna qed iħejju Strateġija Spazjali għas-Sigurtà u d-Difiża.

#### **L-isfidi l-ġodda tar-reżiljenza u l-kompetittività**

4. L-Unjoni Ewropea żviluppat programmi spazjali ta' referenza globali li joffru servizzi Ewropej sovrani fl-oqsma tal-osservazzjoni tad-dinja u n-navigazzjoni satellitari. Fl-2021, il-Kummissjoni Ewropea integrathom fi programm spazjali u żiedet żewġ komponenti ġodda: dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju u l-komunikazzjonijiet governattivi. Fi Frar 2022, il-Kummissjoni pproponiet programm ġdid ta' konnettività satellitari sigura b'latenza baxxa li qed jiġi diskuss li jista' jikkomplementa l-infrastruttura spazjali Ewropea. Permezz tas-servizzi li jipprovdu, pereżempju li jippermettu l-akkwist ta' pożizzjonament jew kapaċitajiet ta' monitoraġġ aktar awtonomi, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jew l-aċċess globali garantit u sigur għall-komunikazzjoni bis-satellita, li huwa essenzjali f'sitwazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, dawn il-programmi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għar-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea. Huma bbażati fuq industrija Ewropea kompetittiva u globalment tal-aqwa livell.

5. Madankollu, bħala qasam strateġiku għall-funzjonament tajjeb tal-ekonomija Ewropeja u s-sigurtà, l-ispazju qed jiġi kkontestat u kkonġestjonat dejjem aktar. Hemm żewġ approċċi komplementari: terġa' tirpilja tellieqa spazjali ffinanzjata mill-potenzi spazjali u jizzied l-involvement ta' atturi privati li jużaw pjanijiet direzzjonali li jikkomplementaw l-ambizzjonijiet ta' dawn il-potenzi. F'dan il-kontest, l-Unjoni trid tippożizzjona lilha nnifisha malajr u tirrikonċilja l-isfidi tar-reżiljenza u l-kompetittività, li għalhekk iridu jiġu kkunsidrati flimkien.
6. Ir-reżiljenza tal-programm spazjali tal-UE tiddependi l-ewwel nett fuq aċċess awtonomu, sikur u affordabbli għall-ispazju, u t-tieni nett mill-ħakma tat-teknoloġiji spazjali. M'hemm l-ebda politika spazjali Ewropea mingħajr aċċess awtonomu Ewropew għall-ispazju. Jeħtieġ li nsaħħu l-kompetittività, il-flessibbiltà u r-rispons f'dan il-qasam. B'mod aktar ġenerali, id-dipendenza tal-UE fuq pajjiżi terzi għal soluzzjonijiet ta' llanċjar, teknoloġiji ewlenin jew provvisti kritiċi (materja prima pproċessata u avvanzata, komponenti) tista' ddgħajjef l-isforzi tal-Unjoni għas-sigurtà u l-indipendenza tagħha u, konsegwentement, il-livell ta' awtonomija tas-sistemi tal-Unjoni b'kopertura globali f'termini ta' navigazzjoni satellitari, osservazzjoni tad-dinja u komunikazzjonijiet bis-satellita. L-isforzi tagħna dwar in-nondipendenza teknoloġika għandhom jissaħħu b'mod partikolari permezz ta' Orizzont Ewropa u l-aċċellerazzjoni tal-ħidma biex jiġi żgurat l-aċċess għall-materja prima kritika, il-ktajjen tal-valur u l-ktajjen tal-provvista kruċjali għall-programm spazjali, b'mod partikolari foqasma strateġiċi, li jistgħu jkunu soġġetti għal pressjonijiet esterni. Ir-reżiljenza timplika impenn u spejjeż fuq terminu qasir li jeħtieġ li jiġu appoġġati għax inkella l-UE turriskja tħallas il-prezz tad-dipendenza tagħha fuq potenzi oħra.

7. Il-Kunsill huwa mistieden jesplora modi kif jitlejbu l-monitoraġġ u l-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali tal-UE u kif tiġi żgurata r-reżiljenza tagħhom. L-infrastruttura spazjali qed tkun dejjem aktar esposta kemm għal riskji aċċidentali bħal kolliżjonijiet ma' satelliti oħra jew skart spazjali u interferenzi fil-frekwenza tar-radju, kif ukoll theddid intenzjonali bħal attakki fl-orbita jew disturbazzjoni. Għal protezzjoni akbar tal-infrastruttura spazjali, nistgħu nżviluppaw teknoloġiji jew tagħbijiet utli speċifiċi, nadottaw approċċ ta' sigurtà, sostenibbiltà u ta' prevenzjoni sa mid-diżinn ta' sistemi spazjali ġodda u matul l-evoluzzjoni u ċ-ċiklu tal-ħajja tal-komponenti/sistemi eżistenti tal-programm spazjali, jew nintegraw teknoloġiji ġodda. Dawn il-kompiti addizzjonali ser jgħinu biex tissaħħaħ il-kompetittività ta' offerta Ewropea tal-aqwa livell possibbli.
8. Il-feġġa ta' atturi ġodda fl-Ewropa - l-"Ispazju Ġdid" - tikkostitwixxi opportunità kbira għall-kompetittività tal-industrija tagħna u r-reżiljenza futura tal-programmi tagħna. Filwaqt li nibnu, b'mod partikolari, fuq il-ħidma tal-Kummissjoni fil-qafas ta' CASSINI, ser ikollna nesploraw kif nistgħu nimmassimizzaw il-potenzjal ta' teknoloġiji, servizzi jew prodotti innovattivi ġodda u proċessi industrijali ta' dawn l-atturi l-ġodda u nintegrawhom b'mod deċiżiv fl-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti jew fl-iżvilupp u l-forniment ta' servizzi ġodda.

9. Bil-programm spazjali, l-UE għandha assi spazjali uniċi u ta' klassi dinjija, li huma partikolarment ta' suċċess. Għandna nesploraw kif nistgħu nsaħħu l-kontribut tagħhom għas-sigurtà u d-difiża, u nivvalutaw il-ħtiġijiet u l-kondizzjonijiet assoċjati mal-iżvilupp ta' servizzi speċifiċi b'mudelli ta' governanza adegwati li jirrispettaw l-interessi tas-sigurtà tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli għandhom il-kompetenza li jirrispondu għal theddid jew attakki fuq servizzi spazjali kritiċi għall-UE skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Azzjoni Konġunta (Deċiżjoni PESK 2021/698). Ir-rispons dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna jista' jwassal għal żviluppi f'din id-Deċiżjoni sabiex jittejjeb ir-rispons tal-Unjoni għat-theddid li qed jizzied u tiġi żgurata koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li nirriflettu dwar dawn il-kwistjonijiet sabiex nikkontribwixxu b'mod effettiv għall-ħidma dwar l-Istrateġija Spazjali għas-Sigurtà u d-Difiża.

### **Mistoqsija**

X'miżuri għandhom jieħdu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex isaħħu r-reżiljenza tal-Programm Spazjali tal-UE u jirrikonċiljawh mal-isfidi tal-kompetittività?